**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Nru.: 109/2025 AC**

**Illum l-4 ta' Ġunju, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' 14-il sena, bin **OMISSIS**, imwieled Tal-Qroqq, Msida, nhar it-28 ta' Jannar 2011, jirrisjedi ġewwa **OMISSIS**, u detentur tal-Karta tal-Identita' **OMISSIS**, li kien akkużat talli nhar il-05 ta' Frar, 2025 bejn id-21:00hrs u l-22:00hrs, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil ommu u ċioe' **OMISSIS**, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba se tikkaġuna lil ommu **OMISSIS**biża';

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil nanntu u ċioe' **OMISSIS**, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil nanntu **OMISSIS**biża';

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil zijuh **OMISSIS**, biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' tal-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba tiegħu kienet se tikkaġuna lil zijuh **OMISSIS**biża';

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ommu **OMISSIS**jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil nanntu u ċioe' **OMISSIS**jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil zijuh u ċioe' **OMISSIS**jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, akkwista, kellu fil-pussess tiegħu jew żamm arma jew munizzjon imsemmija fl-Iskeda I, liema pussess huwa pprojbit *ai termini* tal-Artikolu 3(a) tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **OMISSIS** a benefiċċju ta' **OMISSIS**, **OMISSIS**u **OMISSIS**u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' **OMISSIS**, **OMISSIS**u **OMISSIS**kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **OMISSIS** billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq* tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **OMISSIS** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata minn din il-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, din il-Qorti tordna lil **OMISSIS** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Għassa presjeduta mill-Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil nhar is-7 ta' Frar 2025[1];

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Sherona Buhagiar qrat u ħalfet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat bil-ġurament fis-seduta tas-7 ta' Frar 2025[2];

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 7 *et seq* tal-proċess

[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 7 *et seq* tal-proċess, kif ukoll l-akkużi kif maħlufa bil-ġurament a fol 1 *et seq* tal-proċess

Rat li wara li sar l-eżami mingħajr ġurament tal-imputat *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotti fil-konfront tiegħu[3];

Rat li waqt l-istess seduta l-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-partijiet sabiex ikun hemm divjet fuq l-isem tal-imputat peress li l-imputat għadu minorenni[4];

Rat in-nota tal-Uffiċjal Anzjan tal-Għajnuna Legali datata t-18 ta' Frar 2025 li permezz tagħha kienet maħtura l-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Alexia Attard sabiex tirrapreżenta lill-*Parte Civile* **OMISSIS**[5];

Rat in-nota tal-Uffiċjal Anzjan tal-Għajnuna Legali datata t-18 ta' Frar 2025 li permezz tagħha kienet maħtura l-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Alexia Attard sabiex tirrapreżenta lill-*Parte Civile* **OMISSIS**[6];

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal Anzjan tal-Għajnuna Legali datat d-19 ta' Frar 2025 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex jinħatar l-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Dennis Theuma minflok l-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Alexia Attard sabiex jirrappreżenta lill-*Parte Civile* **OMISSIS***stante* li Dr. Attard kienet indisposta, liema talba kienet akkordata minn din il-Qorti fl-istess jum[7];

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal Anzjan tal-Għajnuna Legali datat id-19 ta' Frar 2025 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex jinħatar l-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Dennis Theuma minflok l-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Alexia Attard sabiex jirrappreżenta lill-*Parte Civile* **OMISSIS***stante* li Dr. Attard kienet indisposta, liema talba kienet akkordata minn din il-Qorti fl-istess jum[8];

---

[3] Ara a fol 9 tal-proċess
[4] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 7 *et seq* tal-proċess
[5] Ara a fol 25 tal-proċess
[6] Ara a fol 26 tal-proċess
[7] Ara a fol 27 tal-proċess
[8] Ara a fol 28 tal-proċess

Rat li din il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni fis-seduta tal-20 ta' Frar 2025, b'dan illi l-każ tiegħu jingħata priorita' u l-psikjatra li kien qed isegwi lill-imputat Dr. Kristian Sant jibqa' jsegwih *ai fini* ta' din l-Ordni u jkun maħtur psikologu sabiex jgħin lill-imputat jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu u jittieħdu l-passi kollha neċessarji għal kwalunkwe kundizzjoni li tista' tkun konstatata[9];

Rat in-nota tal-Uffiċjal Anzjan tal-Għajnuna Legali datata l-20 ta' Frar 2025 li permezz tagħha kien maħtur l-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Dennis Theuma sabiex jirrapreżenta lill-*Parte Civile* **OMISSIS**[10];

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2025[11], wara x-xhieda tal-konsulent psikjatra Dr. Daniel Vella Fondacaro din il-Qorti awtorizzat u ordnat lil Dr. Daniel Vella Fondacaro u lill-psikjatra tal-Ħabs Dr. Joseph Saliba sabiex jikkomunikaw flimkien u jaraw x'inhu l-aħjar pjan għall-imputat. Rat waqt l-istess seduta din il-Qorti awtorizzat u ordnat li l-imputat jittieħed is-SIPS sabiex jiġi assessjat minn Dr. Daniel Vella Fondacaro u l-professjonisti tas-SIPS u *in oltre* awtorizzat lil Dr. Daniel Vella Fondacaro jibqa' jkollu sessjonijiet mal-imputat *ai fini* ta' kontinwita' professjonali u medika;

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u ċioe' lill-***Parte Civile* OMISSIS**[12], **il-*Parte Civile* OMISSIS**[13], **il-*Parte Civile* OMISSIS**[14], **is-*Social Worker* Ilyan Seychell**[15], **il-konsulent psikjatra Dr. Daniel Vella Fondacaro**[16], **l-Ispettur Sherona Buhagiar**[17], u **PS 1474 Kieran Parnis**[18];

Rat li fis-seduta tas-16 t'April 2025[19] il-partijiet iddikjaraw li dakinhar uffiċjalment ir-Reġistru tal-Qorti kien magħluq, pero' b'mod konġuntiv anke għall-finijiet ta' speditezza *stante* li l-imputat jinsab taħt arrest, talbu lil din il-Qorti sabiex tawtorizza l-ftuħ tar-

[9] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 29 *et seq* tal-proċess
[10] Ara a fol 31 tal-proċess
[11] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 33 *et seq* tal-proċess
[12] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tal-20 ta' Frar 2025
[13] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tal-20 ta' Frar 2025
[14] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tal-20 ta' Frar 2025
[15] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2025
[16] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2025, kif ukoll waqt is-seduta tat-3 t'April 2025
[17] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2025 a fol 36 *et seq* tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu 2025 a fol 43 *et seq* tal-proċess
[19] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 49 *et seq* tal-proċess

Reġistru bil-għan li tinżamm is-seduta tal-istess jum, u rat ukoll li din il-Qorti laqgħet it-talba;

Rat li waqt l-istess seduta[20], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu, u *ai termini* tal-Artikolu 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsir *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat;

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat u jekk ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħewx minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dawn il-proċeduri jkunu trattati b'mod sommarju[21];

2. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar is-7 ta' Frar 2025[22];

[20] Ara l-verbal tas-seduta tas-16 t'April 2025 a fol 49 *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok A a fol 10 tal-proċess
[22] Ara Dok B a fol 11 tal-proċess

3. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/287/2025[23];

4. Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat datat is-6 ta' Frar 2025[24];

5. Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat is-6 ta' Frar 2025 għall-ħruġ ta' Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat[25];

6. Dikjarazzjoni tal-imputat għar-Rifjut tad-Dritt għall-Assistenza Legali bil-lingwa Ingliża datata s-7 ta' Frar 2025[26];

7. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[27];

8. CD bl-Istqarrija Awdjoviżwali tal-imputat[28];

9. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata s-26 ta' Frar 2025 li permezz tagħha informat lil din il-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Antonella Debono sabiex issegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[29];

10. Riċevuta ta' Żamma ta' mus mill-pussess tal-imputat datata s-6 ta' Frar 2025[30];
11. Riċevuta rigward *envelope* abjad siġillat immarkat bħala Dok SB2 b'mus (*pen-knife*) elevata minn PS 1474 irreġistrat bħala Esebit bin-numru KA 147/2025[31];

[23] Ara Dok C a fol 12 tal-proċess
[24] Ara Dok D a fol 19 tal-proċess
[25] Ara Dok E a fol 20 *et seq* tal-proċess
[26] Ara Dok F a fol 22 tal-proċess
[27] Ara Dok G a fol 23 tal-proċess
[28] Ara Dok H a fol 24 tal-proċess
[29] Ara a fol 32 tal-proċess
[30] Ara Dok SB1 a fol 40 tal-proċess
[31] Ara a fol 41 tal-proċess

12. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata d-29 t'April 2025 li permezz tagħha informat lil din il-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Antonella Debono sabiex tħejji *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat;

Rat li waqt is-seduta tat-28 t'April 2025[32] din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datat it-23 t'April 2025 sabiex titlob lil din il-Qorti testendi ż-żmien għall-preżentata tal-*Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat, liema talba kienet milqugħa b'dan illi t-terminu kien estiż sas-seduta ta' wara, u ċioe' t-8 ta' Mejju 2025;

Rat li waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2025[33] din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datat is-7 ta' Mejju 2025 sabiex titlob lil din il-Qorti testendi ż-żmien għall-preżentata tal-*Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat, liema talba kienet milqugħa b'dan illi t-terminu kien estiż sas-seduta ta' wara, u ċioe' t-22 ta' Mejju 2025;

Rat in-Nota tal-*Probation Officer* Antonella Debono datata l-20 ta' Mejju 2025 li permezz tagħha ppreżentat il-*Pre-Sentencing Report* bil-ġurament hekk kif ġie mħejji minnha fir-rigward tal-imputat[34];

Rat il-verbal ta' nhar it-22 ta' Mejju 2025 u li permezz tiegħu l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx domandi x'jagħmlu in eskussjoni lill-imsemmija Uffiċjal tal-*Probation* wara l-preżentata tal-*pre-sentencing report*;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet għall-finijiet ta' piena fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2025;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

---

[32] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 52 tal-proċess

[33] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 52 tal-proċess

[34] Ara a fol 57 *et seq* tal-proċess

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat kien mixli talli nhar il-05 ta' Frar, 2025 bejn id-21:00hrs u l-22:00hrs, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil ommu u ċioe' **OMISSIS**, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba se tikkaġuna lil ommu **OMISSIS**biża';

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil nanntu u ċioe' **OMISSIS**, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil nanntu **OMISSIS**biża';

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil zijuh **OMISSIS**, biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' tal-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba tiegħu kienet se tikkaġuna lil zijuh **OMISSIS**biża';

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ommu **OMISSIS**jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil nanntu u ċioe' **OMISSIS** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil zijuh u ċioe' **OMISSIS**jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, akkwista, kellu fil-pussess tiegħu jew żamm arma jew munizzjon imsemmija fl-Iskeda I, liema pussess huwa pprojbit *ai termini* tal-Artikolu 3(a) tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet imsemmija, fejn wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tiegħu, u wara li tagħtu ż-żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' mill-ammissjoni tiegħu, għażel li jikkonfermaha, u konsegwentement, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. L-ammissjoni tal-imputat saret fi stadju relattivament matur ta' dawn il-proċeduri, li għaldaqstant imur kemxejn lil hinn minn dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[35] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[36] [37], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-

[35] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997

[36] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002

[37] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u dan *stante* li fil-każ odjern, din l-ammissjoni kienet reġistrata fis-seduta tas-16 t'April 2025[38] wara li l-Prosekuzzjoni kienet ressqet ammont sinifikanti ta' provi, senjatament il-partijiet leżi ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll uħud mill-Uffiċjali tal-Pulizija prinċipali involuti fl-investigazzjoni tal-każ odjern, u għalhekk l-ammissjoni odjerna trid tittieħed f'dan il-kuntest;

2. Li din l-ammissjoni saret b'mod liberu, u mingħajr ebda kundizzjoni u riżerva;

3. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

4. L-imputazzjonijiet infushom, li primarjament jittrattaw reati fil-konfront ta' ommu **OMISSIS**, nanntu **OMISSIS**u zijuh **OMISSIS**, li lkoll jinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "***vjolenza domestika***"[39] kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, u definizzjoni ta' "***familja jew unita' domestika***" fl-istess Artikolu, senjatament is-subinċiż (ċ) li jirrelata għal "***persuni li huma relatati ma' xulxin jew minħabba l-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, unjoni ċivili u, jew koabitazzjoni, sat-tielet grad inklussivament***", liema reati jinkludu biża' ta' vjolenza kif ukoll inġurji u theddid fil-konfront tagħhom, u reati bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet;

5. Li l-imputat, *stante* li kien għadu minorenni fiż-żmien tal-inċident, u li minħabba f'dan, jibbenefika minn tnaqqis fil-piena kif provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[38] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 49 *et seq* tal-proċess

[39] "l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima."

6. Id-dikjarazzjoni tal-partijiet leżi **OMISSIS**, **OMISSIS**u **OMISSIS**fis-seduta tas-16 t'April 2025[40] li ma jixtiqux li din il-Qorti toħroġ Ordni ta' Trażżin a favur tagħhom fil-konfront tal-imputat *stante* li jixtiequ li jibqgħu jkunu parti mill-ħajja tiegħu;

7. Dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* tal-*Probation Officer* Antonella Debono, li fih kienu identifikati s-segwenti fatturi:

    a. L-imputat kien imrobbi minn ommu għall-ewwel snin ta' ħajtu u aktar 'il quddiem ingħaqad magħhom il-*partner* t'ommu li jiġi missier iż-żewġ ħutu. Jirriżulta li kellu 7 snin meta skopra li l-*partner* t'ommu ma kienx il-missier bioloġiku tiegħu, u jgħid li qatt ma ltaqa' ma' missieru. Jgħid ukoll li m'ommu qatt ma kellu relazzjoni ħażina, u jgerger biss meta tirrabja miegħu;

    b. Dak li jingħad min-nanna tal-imputat, li skontha jidher li l-imputat spiss kien ikun imdejjaq u jgħidilha biex imur jitkellem magħha, u tħoss li l-imputat jixtieq aktar imħabba mingħand ommu. Minn dak konstatat mill-*Probation Officer* jidher li n-nanna hija ħafna għall-qalb tal-imputat u dejjem isibha hemm biex tgħinu;

    c. Dak sostnut mill-partijiet leżi ta' dan il-każ, u ċioe' ommu, nanntu u zijuh, li jgħidu li ħassew in-nuqqas tal-imputat u li qed jistennewh jirritorna lura d-dar. Pero' l-omm iżżid li matul is-snin kien hemm diversi episodji li fihom wera mġiba nkwetanti fil-konfront tagħha, u li din id-darba, ħasset li jkun għall-aħjar ta' binha li tagħmel rapport lill-Pulizija sabiex jieħu l-għajnuna li għandu bżonn;

    d. L-imputat isemmi li ġieli għamel użu mill-kannabis, pero' jsostni li dan mhux vizzju għax ma kienx jikkunsmaha ta' kuljum. Jgħid ukoll li qatt m'għamel kuntatt ma' xi aġenzija li jgħinu n-nies bi problema ta' vizzji tad-

[40] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 49 *et seq* tal-proċess

droga, liema fattur ikkonfermatu l-*Pronbation Officer* stess meta għamlet kuntatt mal-istess aġenziji. Jirriżulta wkoll li mill-kampjuni tal-urina li ttieħdu meta l-imputat kien qiegħed ġewwa l-CoRRS kienu negattivi għal sustanzi lleċiti;

e. L-imputat jistqarr mal-*Probation Officer* li ma jara xejn sabiħ fil-ħajja u kien għalhekk li mhux l-ewwel darba li pprova jieħu ruħu b'idejh. Minn dak li tikkonstata l-istess *Probation Officer* l-imputat kien inżamm darbtejn ġewwa l-Isptar Monte Karmeli;

f. Minn dak konstatat mill-*Probation Officer*, l-imputat ilu taħt il-kura tal-konsulent psikjatra Dr. Daniel Vella Fondacaro li mid-dijanjosi tiegħu irriżulta li l-imputat isofri minn *attachment disorder*, *conduct disorder* u *emotional disregulation*. Il-*Probation Officer* tgħid ukoll li l-imputat kien taħt il-kura tal-psikoterapista Marilyn Sant, u kien jattendi sessjonijiet magħha b'mod regolari. L-imputat qed ikun segwit mis-*Social Worker* Melanie Parnis fi ħdan il-*Youth in Focus* kif ukoll mis-*Social Worker* Ilyan Seychell mit-Taqsima tal-Ħarsien tat-Tfal;

g. **Il-professjonisti lkoll innutaw kambjament fl-imputat kemm ilu jinżamm ġewwa l-CoRRS, u lkoll jaqblu li ma sabiex il-progress li għamel ma jintilifx għandu jibqa' jkun segwit, u jkompli jaħdem fuqu nnifsu**;

h. Rigward l-edukazzjoni tiegħu, il-*Probation Officer* tirrileva li l-imputat qiegħed fit-tielet sena tas-sekondarja ġewwa l-iskola tal-Fortini fil-Birgu, u li l-imputat isostni li hekk kif joħroġ mill-Ħabs il-pjan tiegħu huwa li jibda jattendi l-iskola u jkompli bl-edukazzjoni tiegħu. Ms Raisa, li hija l-Kap tal-*Learning Center* stqarret mal-*Probation Officer* li qed jistennewh jiġi lura l-iskola, u esprimew it-tama tagħhom li din id-darba juri mpenn lejn l-edukazzjoni tiegħu;

8. Il-Pjan ta' Kura kif spjegat mill-*Probation Officer* fir-rapport tagħha, li tibda biex tikkunsidra li minkejja l-eta' tenera tiegħu l-imputat għandu storja, u li huwa preokkupanti ferm li tant kemm kien iħossu mdejjaq li wasal sabiex jipprova jneħħi ruħu b'idejh, u għalhekk tenfasizza l-importanza ta' kuntatt regolari mal-psikjatra u jibqa' jieħu l-mediċina preskritta lilu. Iżżid ukoll li jkun ta' ġid għall-imputat li jkompli bit-trattament psikoloġiku tiegħu sabiex jitgħallem jitkellem dwar id-diffikultajiet tiegħu u l-emozzjonijiet tiegħu ma' professjonist bl-iskop li jiggwidwah bl-aħjar mod. Dan jinkludi li jiftaħ qalbu dwar weġgħat mill-passat tiegħu li forsi qatt ma kellu l-opportunita' li jindirizza. Il-*Probation Officer* titkellem ukoll dwar il-bżonn li l-familja tal-imputat jinvolvuh iżjed f'dak li jkunu qiegħdin jagħmlu sabiex iħossu verament membru attiv fil-familja, u jkollu ċ-ċans iqatta' ħin ta' kwalita' magħhom, u dan bl-iskop aħħari li tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' bejniethom u l-imputat u jħossu maħbub;

9. Ir-rakkomandazzjoni tal-*Probation Officer* sabiex l-imputat jitpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* sabiex tkompli s-superviżjoni tiegħu, b'dan illi waħda mill-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni tkun li jibqa' jsegwi t-trattament psikoloġiku u psikjatriku li għandu bżonn;

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li f'dak li jirrigwarda dak konstatat mill-*Probation Officer* u l-Pjan ta' Kura imsemmi fil-*Pre-Sentencing Report* imħejji minnha ma tantx għandha x'iżżid. Pero' f'dak li jirrigwarda l-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti tibda biex tirrileva li la hija marbuta bir-rakkomandazzjoni imsemmija fl-istess Rapport u lanqas m'hija marbuta ma' xi tip ta' qbil li seta' sar mill-partijiet u dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2025 il-partijiet straħu fuq dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* tant li ma saret l-ebda eskussjoni lill-istess imsemmija *Probation Officer*.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-piena rakkomandata u dan qiegħed jingħad *minħabba* dak li jintqal fl-istess rapport, partikolarment ir-riskju msemmi mill-professjonisti – li uħud minnhom ilhom żmien sinifikanti jsegwu lill-imputat – li l-progress li għamel kemm ilu ġewwa l-CoRRS jintilef. Għalhekk, minkejja dak dikjarat mill-partijiet leżi fis-seduta tas-

16 t'April 2025 (u ċioe' li mhux qed jinsistu fuq Ordni ta' Trażżin a favur tagħhom fil-konfront tal-imputat *stante* li jixtiequ li jibqgħu jkunu parti minn ħajtu), u dak li jistqarru fil-*Pre-Sentencing Report* u ċioe' li qed iħossu n-nuqqas tiegħu u qed jistennewh jirritorna d-dar, Din il-Qorti tara li jkun aktar ta' ġid għall-imputat minorenni li jibqa' fit-triq it-tajba li qabad u jkompli bil-progress li qed jagħmel fi *struttura* u mal-professjonisti li għandu. Din il-Qorti tara li jekk l-imputat jerġa' jmur lura d-dar kmieni wisq mingħajr ma jkun ħa l-massimu tal-għajnuna disponibbli għalih (speċjalment in vista tal-fatt li l-*parte civile* f'dawn il-proċeduri huma familjari u hemm min minnhom tkun ser tgħix taħt l-istess saqaf mal-imputat) piena hekk kif rakkomandata mill-*Probation Officer* ser tkun aktar ta' xkiel milli ta' ġid għax wieħed irid jara l-*long term effect* u kif l-istess imputat ser ibiddel ħajtu u jagħraf kif għandu jimxi f'soċjeta' ċivili. Huwa d-dover ta' din il-Qorti li tilħaq bilanċ bejn ix-xewqat tal-partijiet leżi, il-portata tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u li tqis dan kollu fl-isfond taċ-ċirkostanzi tal-imputat li l-*Probation Officer* daħlet fid-dettall dwarhom fir-rapport tagħha u li finalment il-minuri jitgħallem mill-akkadut u jirriabilita ruħu biex ma jkunx hemm episodji oħra fil-futur. Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija fil-*Pre-Sentencing Report*, senjatament is-sitwazzjoni psikoloġika u psikjatrika tal-imputat li wasslet għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, Din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar idoneju għar-riforma tal-imputat li teroga piena karċerarja effettiva li tkun fil-minimu flimkien ma' Ordni ta' Trattament sabiex ikun jista' jkompli jindirizza d-diffikultajiet tiegħu f'ambjent kontrollat qabel ma jirritorna lura mal-familja tiegħu. Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li kif imsemmi fil-*Pre-Sentencing Report* il-familja tal-imputat għandha rwol importanti ferm fil-ġrajja ta' riforma tiegħu kemm matul dan iż-żmien li ser ikun qed jagħmel inkarċerat, kif ukoll wara li jirritorna lura magħhom, b'dan illi flimkien jindirizzaw il-qofol ta' dan il-pjan ta' kura – li l-imputat iħossu parti minn familja li tħobbu u tapprezzah ta' li hu bħala membru attiv tal-familja;

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vii), u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3(a), l-Artikolu 51(1)(a) u l-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma'

Skeda I, Taqsima II (1) tal-istess Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, **issib lill-imputat OMISSIS ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal tnax (12)-il xahar priġunerija effettiva, b'dan illi għandu jitnaqqas minn din il-piena iż-żmien li l-imputat, issa l-ħati, OMISSIS għamel taħt arrest preventiv**;

*In oltre*, din il-Qorti qiegħda tordna li l-esebit reġistrat bħala KA 147/2025 u mmarkat fl-atti bħala Dok SB2, u ċioe' mus (*pen-knife*), li *ai termini* tal-Artikolu 64(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa meqjus bħala arma regolari, ikun konfiskat a tenur tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati, **OMISSIS** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tar-rabja, l-kondizzjonijiet diġa' konstatati mill-professjonisti kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat b'mod ulterjuri mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward, u għall-istess skop tirrikmanda li l-ħati jibqa' jkun segwit mill-konsulent psikjatra Dr. Daniel Vella Fondacaro u il-psikoterapista Marilyn Sant, b'dan illi l-ħati għandu jibqa' jsegwi l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-istess Dr. Daniel Vella Fondacaro;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **OMISSIS** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **OMISSIS** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **OMISSIS** għall-benefiċċju ta' **OMISSIS**u **OMISSIS***ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'posizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-talba *stante* li l-Ordni msemmija hija tali li tingħata *pendente lite* u mhux fl-istadju ta' sentenza finali;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-partijiet leżi **OMISSIS**, **OMISSIS**u **OMISSIS**jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, tapplika fil-konfront tal-imputat, issa l-ħati, id-dettami tal-Artikolu 382A *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* d-dikjarazzjoni tagħhom fis-seduta fis-seduta tas-16 t'April 2025[41] li ma jixtiqux li din il-Qorti toħroġ Ordni ta' Trażżin a favur tagħhom fil-konfront tal-ħati *stante* li jixtiequ li jibqgħu jkunu parti mill-ħajja tiegħu, qiegħda tiċħad it-talba kif dedotta;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li ma kien nominat ebda espert nominati fil-kors ta' dawn il-proċeduri, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

[41] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 49 *et seq* tal-proċess